MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 400/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**KONTRA**

**JASSEM AL TAHER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jassem Al Taher, mwieled Libya nhar il- 31 ta’ Jannar 1983, residenti fil- fodn 47, Flat 1, Triq Ramon Perellos, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 0122200(L);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar il- Hadd 25 ta’ April 2010 bejn is- 6.00pm u d- 9.30pm waqt li kien gewwa Bugibba/ Qawra kif ukoll fl-ghassa tal- Pulizija tal- Qawra u gewwa c- centru tas-sahha tal- Mosta, attakka jew ghamel rezistenza bo vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 914 Ivan Mifsud, PC 675 David Sciberras u WPC 301 Loren Vella, li huma persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu qieghdin jagixxu ghall- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skont il- Ligi mill- Awtorita’ kompetenti;
2) Ukoll talli fl- istess data, hinijiet u postijietm ingurja jew hedded lill- imsemmija ufficjali tal- Pulizija li huma persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- Ligi fl- ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3) U aktar talli fl- istess data, hinijiet u postijiet, bil-hsieb il jaghmel hsara lill- imsemmija ufficjali tal- Pulizija, akkuzahom quddiem awtorita’ kompetenti b’ reati, fil- waqt li kien jaf li l- istess ufficjali tal- Pulizija huma nnocenti;
4) U aktar talli fl- istess data, hinijiet u postijiet, bil-kliem hedded lill- istess ufficjali tal- Pulizija bil- mewt billi qalilhom li kien sejjer inhanxrilhom ghonqhom;
5) U aktar talli fl- istess data u hinijiet waqt li kien gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Qawra, kkaguna hsara voluntarja fil- bieb tac- cella billi qala’ c- cacciss tal- istess bieb, liema hsara taccedi €23 izda inqas minn €116 u dan ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta;
6) U aktar talli fl- istess data, hinijiet u postijiet qal kliem li kien jikkonsisti f’ dagha fahxi u kliem oxxen, kif ukoll talli ma kienx kapaci jiehu kura tieghu nnfisu minhaba sokor u talli waqt li kien fl- ghassa tal- Pulizija tal-Qawra, biel mall- art;
7) Din l- Onorabbli Qorti hi mitluba sabiex titratta lill-imsemmi mputat bhala recidiv billi b’ sentenzi moghtija minn l- istess Onorabbli Qorti kien instab hati ta’ diversi

delitti, liema sentenzi huma difinittivi u ma jistghux jigu mhassra

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 338, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija. Tapplika l-Artikolu 412 D tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------